MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

**ONOR. IMHALLEF**
**GINO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta ta' l-24 ta' Settembru, 2004

Numru 18/1997

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**vs**

**Francis Cassar**

Il-Qorti:

Rat is-sentenza moghtija fit-18 ta' Marzu 2000 mill-Qorti Kriminali li tghid hekk:

"Il-Qorti,

Rat l-Att ta' Akkuza numru 18/97;

Semghet il-verdett tal-gurati li bih b'seba' (7) voti kontra tnejn (2) sabu lill-imsemmi Francis Cassar hati li b'eghmil zieni kkorrompa persuna ta' taht l-eta', b'dan li d-delitt sar b'diversi atti, anke jekk maghmula fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda, b'dan ukoll li d-delitt sar mill-missier tal-minuri, u dan riferibbilment ghall-ewwel kap; il-gurati sabu lill-istess Francis Cassar hati, b'seba' (7) voti kontra tnejn (2), li biex jissodisfa z-zina ta' haddiehor hajjar ghall-prostituzzjoni persuna ta' taht l-eta`, jew eccita l-korruzzjoni taghha jew ghen jew iffacilita din il-prostituzzjoni jew korruzzjoni, b'dan li d-delitt sar mill-missier, u b'dan ukoll li d-delitt sar bhala drawwa jew bi hsieb ta' qliegh, u dan skond it-tieni kap tal-imsemmi Att ta' Akkuza; il-gurati, bi tmien (8) voti favur u wiehed (1) kontra sabu lill-akkuzat Francis Cassar mhux hati skond it-tielet kap; u fir-rigward tar-raba' kap ma tawx verdett fuq direttiva tal-Qorti galadarba kienu qed isibu htija fir-rigward ta' l-ewwel kap;

Tiddikjara lill-imsemmi Francis Cassar **mhux hati** skond it-tielet kap tal-Att ta' Akkuza, u cioe` mhux hati talli xjentement ghex, ghal kollox jew f'parti, minn fuq il-qliegh tal-prostituzzjoni ta' persuna ohra, u tilliberah minn din l-akkuza; tiddikjarah **hati** talli b'diversi atti, ukoll jekk fi zminijiet differenti, u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmulin b'risoluzzjoni wahda, b'eghmil zieni ikkorrompa persuna ta' taht l-eta` tas-sess il-wiehed jew l-iehor, b'dan li d-delitt sar minn axxendent (missier) tal-minuri, u dan skond l-ewwel kap tal-istess Att ta' Akkuza; tiddikjarah ukoll **hati** talli, biex jissodisfa z-zina ta' haddiehor, hajjar ghall-prostituzzjoni persuna ta' taht l-eta`, jew eccita il-korruzzjoni taghha, jew ghen jew iffacilita din il-prostituzzjoni jew korruzzjoni, b'dan li d-delitt sar minn axxendent mid-demm (missier), u b'dan ukoll li d-delitt sar bhala drawwa jew bi hsieb ta' qliegh, u dan skond it-tieni kap tal-Att ta' Akkuza; tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tar-raba' kap;

Semghet lill-Avukat Dott. Joseph Mifsud dwar il-piena; hadet in konsiderazzjoni c-cirkostanzi kollha tal-kaz, inkluz

iz-zmien meta saru r-reati u l-fedina penali tal-hati; hadet in konsiderazzjoni wkoll il-gravita` li tohrog mill-fatt li r-reati in kwistjoni saru mill-missier tal-minuri, u cioe` minn dik il-persuna li suppost li l-aktar li tat protezzjoni lill-istess minuri; tosserva li fil-piena mitluba taht l-ewwel kap l-Avukat Generali jidher illi, bi zvista, ma kkomputax iz-zieda fil-piena dovuta ghall-fatt li r-reat addebitat hu ta' natura kontinwata, u ghalhekk din il-Oorti hi tal-fehma li m'ghandhiex tikkonsidra, ghall-fini ta' l-ewwel kap, piena li fil-massimu taghha tkun ghola minn dik mitluba mill-istess Avukat Generali; hadet in konsiderazzjoni d-disposizzjoni dwar il-konkors ta' reati u pieni;

Rat l-Artikoli 8,17(b), 203(1)(c) u 204(1)(c)(d) tal-Kodici Kriminali;

Tikkundanna lill-imsemmi Francis Cassar ghall-piena ta' tmien (8) snin prigunerija mill-lum."

Rat li minn din is-sentenza l-akkuzat ipprezenta rikors ta' appell fl-10 ta' April 2000 li bih talab li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha fejn, in forza tal-istess, l-appellant gie liberat mit-tielet kap ta' l-att ta' akkuza u tirrevokaha riferibbilment ghall-ewwel u t-tieni kapi ta' l-att ta' akkuza u tiddikjarah mhux hati ta' l-istess akkuzi kif dedotti kontra tieghu u tilliberah minn kull htija u imputazzjoni f'dan ir-rigward billi thassar id-dikjarazzjoni ta' htija u billi tordna li jigu registrati verdett u sentenza ta' liberazzjoni anke in materja ta' l-ewwel u t-tieni kapi ta' l-att ta' akkuza;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni;

Ikkunsidrat:

Mir-rikors ta' appell jirrizulta li l-aggravju ta' l-appellant huwa li hu gie misjub hati hazin fuq il-fatti tal-kaz u fir-rikors tieghu huwa jelenka r-ragunijiet li minhabba fihom isostni li kellha titwemmen il-verzjoni tieghu. Huwa jghid testwalment hekk:

"Huwa car li f'dan il-Jury [**recte:** guri] l-gurati kellhom jiddeciedu jekk jaghtux affidament lit-tesi tal-esponent fis-sens li dak kollu li xehdu l-ahwa Rosetta u Antoinette Cassar u ommhom kien fabbrikat u kien biss il-frott ta' kongura maghmula minnhom b'mottiv ta' vendetta u intiza hux [**recte:** biex] tinholoq montatura b'dannu ghall-esponent jew jekk kellhomx jaghtu affidament lit-tesi tal-ahwa Cassar u ommhom.

Kien hemm diversi fatturi decisivi li immilitaw kontra t-tesi tal-ahwa Cassar u ommhom a favur it-tesi tal-esponent.

Fl-ewwel lok id-deskrizzjonijiet tal-allegati molestji da parti tal-ahwa Cassar ma kienetx [**recte:** kinux] linejari izda kienu jvarjaw radikalment. B'hekk filwaqt li Rosette Cassar xehdet li l-molestji kienu estensivi u li kienu jinvolvu masturbazzjoni u sess orali, l-allegati molestji li garrbet Antoinette Cassar ma kinux tal-istess intensita` komparati mal-molestji allegatament subiti minn Rosette Cassar. Mentri huwa notorjament maghruf fil-kamp tal-korruzzjoni tal-minorenni illi l-molestji dejjem ikollhom 'pattern' li, biex nghidu hekk, ihallu markju li jindika l-id tal-awtur tad-delitt. Dan il-fenomenu jirrepeti ruhu f'diversi kampi fosthom is-serq, l-istupru u f'kazijiet ta' omicidju ripetut mill-istess awtur.

Fit-tieni lok kien hemm diskrepanzi sostanzjali bejn dak li xehdet Rosette Cassar fil-kompilazzjoni u dak li xehdet fil-Jury [**recte:** guri]. L-aktar lampanti kien il-fatt li Rosette Cassar, fil-kors tax-xiehda taghha fil-Jury [**recte:** guri], xehdet li sahansitra kienet ghamlet l-att taz-zwieg ma' xi membru tal-familja taghha. L-element qatt ma kien issemma' qabel, la lill-Pulizija la lil ohtha Rosette [**recte:** Antoinette] u <u>lanqas lil ommha</u>, nonostante illi allegatament Rosette Cassar kienet stqarret ma' ommha dwar l-allegati molestji ta' missierha. Li kieku kien minnu li Rosette Cassar informat lil ommha dwar l-allegati molestji ta' missierha certament kienet tinforma b'att hafna aktar gravi, cioe` li anke ssubiet l-att taz-zwieg. Hu verosimili li Rosette Cassar kixfet (*sic*) lil missierha dwar l-allegati molestji u ma kixfitx (*sic*) lill-membru tal-familja li

kkommetta molestja aktar gravi minn dak allegatament kommess minn missierha?

Fit-tielet lok ma taghmilx sens it-tesi ta' Carmen Cassar fis-sens li hija giet informata minn bintha Rosette dwar l-allegati molestji ta' missierha li ma vverifika[t]x jekk bintha l-ohra kellhiex esperjenza simili, tenut kont illi Antoinette Cassar kienet sostanzjalment akbar fl-eta` minn ohtha Rosette. F'dina l-ottika tidher imqanzha l-idea li Antoinette Cassar allegat ghall-ewwel darba f'ghomorha li hija giet motivata minn missierha meta nqala' l-incident familjari li wassal ghal dan il-kaz. Anke d-deskrizzjoni taghha tal-allegati molestji jidhru banali, meta jitqies li dawn il-molestji saru minn ragel mizzewweg.

Dawn il-fatturi, komplementati bil-fatt ulterjuri li dina l-istorja harget fid-dawl ta' krizi familjari serja bejn l-esponent u martu, isahhah it-tesi tal-esponenti li uliedu in mertu [**recte:** u martu] kkonguraw flimkien biex joholqu storja fazulla li tefget lill-esponenti f'bahar ta' inkwiet u ghawg kif kien mahsub. M'hemmx dubbju li x-xhieda principali tal-prosekuzzjoni kellhom mottiv li jivvendikaw ruhhom mill-esponent. Difatti l-esponent in mertu [**recte:** u martu] kellhom relazzjoni konjugali karatterizzata minn ghawg u dizgwid kontinwu li tant affettwa l-andament tal-familja taghhom gravement tant li l-ahwa Cassar kellhom jitqieghdu f'istituti. Ghalhekk mart l-esponent kellha mottiv emozzjonali li tivvendika ruhha minn zewgha u difatti ghalkemm setghet ma tixhidx kontra zewgha xehdet b'insistenza kontra tieghu. Certament li Antoinette kellha mottiv li tivvendika ruhha minn missierha billi huwa kien immalafama[ha] mal-gharus taghha li hija kienet mara laxka. Il-fatt li Antoinette Cassar kienet offiza gravement b'dana l-agir ta' missierha fil-konfront tal-gharus taghha johrog car mix-xiehda taghha b'mod li kien verosimili li hija riedet tivvendika ruha minnu. Anke Rosette Cassar fix-xiehda taghha weriet li hija kienet gravement offiza minhabba l-fatt li missierha kien keccieha minn daru ghax ma riditx tikkontribwixxi ghax-xiri ta' uniformi ta' huha.

B'daqshekk hu evidenti li l-gurati ma hadux in konsiderazzjoni dawn l-elementi kollha u minflok accettaw

il-verzjoni tal-ahwa Cassar u ta' ommhom minghajr ebda ezitazzjoni.

Konsegwentement il-gurija ma setghetx ragjonevolment jew legittimament tasal ghall-konkluzjoni dwar il-htija tal-esponent taht l-ewwel u t-tieni kap tal-att ta' akkuza relattiva."

Minn dan huwa evidenti li l-appell huwa bbazat unikament fuq apprezzament ta' fatti. Isegwi ghalhekk li jidhol in funzjoni l-principju ormai pacifiku fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti li tali apprezzament huwa ezercizzju li l-ligi tirrizerva ghall-gurati fil-kors tal-guri u li din il-Qorti ma tiddisturbax dak l-apprezzament, anke jekk ma tkunx necessarjament taqbel mija fil-mija mieghu, jekk il-gurati setghu legittimament u ragjonevolment jaslu ghall-verdett li jkunu waslu ghalih. Jigifieri l-funzjoni ta' din il-Qorti ma tirrizolvix ruhha f'ezercizzju ta' x'konkluzjoni kienet tasal ghalih hi kieku kellha tevalwa l-provi migbura fi prim'istanza, imma li tara jekk il-verdett milhuq mill-gurija li tkun giet *"properly directed"*, u nkwadrat fil-provi prodotti, setax jigi ragjonevolment u legittimament milhuq minnhom. Jekk il-verdett taghhom huwa regolari f'dan is-sens, din il-Qorti ma tiddisturbahx[1].

Issa, ghalkemm l-appellant mhuwiex jilmenta b'xi mod mill-indirizz ta' l-Imhallef li ppresjeda l-guri, galadarba huwa qed jikkontendi li l-gurati ma hadux in konsiderazzjoni l-punti sollevati minnu fir-rikors ta' appell, din il-Qorti hi obbligata li tezamina mhux biss il-provi kollha, izda wkoll l-indirizz ta' l-Imhallef li ppresjeda l-guri biex tara jekk kienx hemm xi haga f'dak l-indirizz li seta' zgwida l-gurati.

---

[1] Ara, fost ohrajn, is-sentenzi ta' din il-Qorti fl-ismijiet: **Ir-Repubblika ta' Malta vs Salvatore sive Salvu Gauci**, 8 ta' Lulju 2004; Ir-**Repubblika ta' Malta vs Godfrey Lopez** u **r-Repubblika ta' Malta vs Eleno sive Lino Bezzina**, 24 ta' April 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Lawrence Asciak sive Axiak**, 23 ta' Jannar 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Mustafa Ali Larbed**, 5 ta' Lulju 2002; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Thomas sive Tommy Baldacchino**, 7 ta' Marzu 2000; u **Ir-Repubblika ta' Malta vs Ivan Gatt**, 1 ta' Dicembru 1994)

Din il-Qorti, wara li ezaminat bir-reqqa kollha l-indirizz ta' l-Imhallef li ppresjeda l-guri, hi tal-fehma li dan hu wiehed bilancjat u korrett. L-indirizz iqieghed quddiem il-gurati l-punti legali kollha li kienu *"in issue"*, ipoggi quddiemhom il-linji difensjonali, u b'mod partikolari jhalli lill-gurati fil-liberta` li jiddeciedu huma dwar ir-rizultanzi fattwali in omagg ghall-principju li johrog mill-artikolu 436(2) tal-Kodici Kriminali li l-gurati huma l-imhallfin tal-fatt. Il-gurati gew diretti mill-Imhallef li ppresjeda l-guri biex jivvalutaw il-provi kollha u jaraw jekk hux il-kaz li jaghtu affidament ghall-verzjoni tax-xhieda principali tal-prosekuzzjoni jew ghal dik ta' l-appellant. Fil-fehma ta' din il-Qorti jidher li l-gurati qdew il-funzjoni taghhom bl-akbar reqqa. Kellhom l-opportunita` li jaghmlu, u fil-fatt ghamlu, mistoqsijiet lix-xhieda. Huma stess talbu ghal dan il-fini li jigu riprodotti Carmen Cassar u Antoinette Cassar u anke talbu li tigi prodotta l-*guidance teacher* Maria Scicluna. Wara li dahlu jiddeliberaw, anke talbu kjarifika mill-Qorti dwar il-kelma "qliegh" fit-tielet kap ta' l-att ta' akkuza. Inoltre, u fil-kaz odjern dan il-fattur jassumi massima importanza, il-gurati kellhom il-vantagg li jaraw u jisimghu x-xhieda kollha u konsegwentement jaghmlu l-valutazzjoni taghhom dwar il-kredibilita` tax-xhieda. Evidentement, wara li ghamlu dan kollu, il-gurati waslu ghall-konkluzjoni li ma jaghtux affidament ghall-verzjoni ta' l-appellant.

Issa l-appellant qieghed isostni li uliedu m'ghandhomx jitwemmnu peress li l-allegati molestji li huma jghidu li ssubew ivarjaw radikalment, mentri fil-kamp ta' korruzzjoni ta' minorenni dejjem hemm l-istess *"pattern"* li jindika l-id ta' l-awtur tad-delitt. Ighid ukoll li hemm diskrepanzi sostanzjali fix-xiehda li taw uliedu u martu. Jikkontendi inoltre li l-istorja li hargu biha martu u uliedu kellha biss motivazzjoni vendikattiva.

Ghalhekk din il-Qorti ezaminat ukoll b'mod approfondit il-provi kollha migbura, u senjatament it-traskrizzjonijiet kollha tax-xhieda u l-istqarrija li l-appellant kien ghamel lill-Pulizija. Minn dan l-ezami li ghamlet hija soddisfatta li kien hemm provi bizzejjed biex, jekk emnuti, jiggustifikaw il-konkluzjoni raggunta mill-gurati. Fi kliem iehor, il-kaz mhuwiex wiehed fejn ikun azzardat legalment, u kontra

kull principju legali, li wiehed jasal ghall-konkluzjoni ta' rejita`, imma huwa kaz fejn l-appellant jista' ma jitwemminx f'dak li qal, u l-gurati setghu ghalhekk legittimament u ragjonevolment jikkonkludu kif ikkonkludew.

Fil-fehma ta' din il-Qorti *"pattern"* ta' abbuz jezisti peress li l-abbuz li z-zewgt ahwa Antoinette Cassar u Rosette Cassar jiddeskrivu kien simili, b'dan li fil-kaz ta' Rosette, li hija izghar fl-eta` minn ohtha Antoinette izda li jidher li l-abbuz fil-kaz taghha beda meta kienet ta' eta` ikbar, sar aktar intensiv. Difatti kienet ukoll Rosette li kellha l-inkontri sgradevoli ma' Grezzju Mifsud. U, wara kollox, l-abbuz li ddeskriviet Antoinette sar f'perijodu differenti minn dak li ddeskriviet Rosette. Huwa minnu li hemm xi diskrepanzi fix-xiehda li taw x-xhieda principali tal-prosekuzzjoni (anke fl-istess xiehda ta' l-appellant hemm diskrepanzi), izda dawn m'humiex tali li jistghu jwasslu lil din il-Qorti biex tghid li dak li qalu l-ahwa Cassar u ommhom mhuwiex verosimili. Jinghad ukoll li huwa verosimili li xhud ma jghidx certi affarijiet waqt il-kumpilazzjoni u mbaghad ighidhom waqt il-guri. Difatti xhud mhux necessarjament jivvolontarja l-informazzjoni kollha u dak li jghid hafna drabi jiddependi mid-domandi li jkun gie mistoqsi. Barra minn hekk, ripetizzjoni pappagalleska mix-xhieda tista' tkun aktar evidenza ta' konfabulazzjoni milli jekk ikun hemm certi diskrepanzi. U fuq kollox il-kaz jirreferi ghal certi affarijiet, ghal certi sitwazzjonijiet li sehhew meta l-ahwa Cassar kienu ghadhom zghar u huma sitwazzjonijiet trawmatici li certament jixtiequ jinsew. Ghall-kuntrarju ta' dak li jallega l-appellant, f'dak li xehdu l-ahwa Cassar u ommhom flimkien ma' dak li xehdet il-*guidance teacher* Maria Scicluna u l-osservazzjonijiet li ghamlet l-Ispettur Sharon Tanti dwar il-kummenti ta' l-appellant ghar-rigward ta' Rosette, insibu korroborazzjoni ta' *"pattern"* ta' bniedem li abbuza mill-pozizzjoni tieghu ta' *paterfamilias*. Jista' jinghad li hemm korroborazzjoni wkoll f'dak li xehed l-appellant stess dwar l-ideja tieghu ta' dixxiplina. Il-biza' mis-swat flimkien ma' sens ta' misthija normalment jwasslu lit-tfal li jkunu abbuzati sesswalment biex ma jitkellmux dwar il-vittimizzazzjoni taghhom u, jekk jitkellmu, ma jaslux biex jirrapportaw l-agir tal-konsangwinei

taghhom lill-Pulizija. Huwa opportun hawn li ssir riferenza ghal xi siltiet mill-istudju bl-isem ta' *Factors influencing children to self-disclose sexual abuse*[2] mitbugh minn Mary L. Paine u David J. Hansen:

"… the process by which perpetrators gain and maintain their victim's compliance and silence frequently places the child in the role of a coconspirator acting to conceal their own abuse (Berliner & Conte, 1990; Furniss, 1991; German, Habenicht & Futcher, 1990; Summit, 1983)."

"Many adult survivors never disclosed or delayed disclosing their abuse for years, attesting to the extreme difficulty of revealing the secret (Finkelhor, Hotaling, Lewis & Smith, 1990; Russell, 1986; Sauzier, 1989)."

"The victim-perpetrator relationship is not only most often a familiar one, but is also often an emotionally close and significant one. The individual perpetrating the abuse is often a parent or parent-figure (Berliner & Conte, 1995; Faller, 1989, Gomes-Schwartz et al., 1990; Sorensen & Snow, 1991)."

"Clinicians have observed children who are sexually abused by a close family member are particularly hesitant to disclose their abuse (Furniss, 1991; Reiser, 1991; Summit, 1983). Research findings consistently indicate that children abused by a close family member are less likely to report their abuse than those abused by a stranger (Arata, 1998; Berliner & Conte, 1990; Di Pietro et al., 1997; Mendelsohn, 1994; Sauzier, 1989; Sorenson & Snow, 1991). This finding is particularly important as research also suggests that the longer children are abused, the more hesitant they may be to disclose their abuse (Arata, 1998; Mendelsohn, 1994)."

"Both victims (Berliner & Conte, 1990) and perpetrators (Conte et al., 1989) have identified a gradual process

[2] Clinical Psychology Review 22 (2002), pagni 271 sa 295. Ara wkoll *Disclosure Patterns of Sexual Abuse and Psychological Functioning at a 1-Year Follow-Up* minn Nagel, Putnam, Noll u Trickett f' Child Abuse & Neglect, Vol. 21, No. 2, pagni 137 sa 147, 1997.

whereby perpetrators employ successively inappropriate comments and increasingly inappropriate touches and behaviours so insidious that the abuse is often well under way before the child recognizes the situation as sexual or inappropriate. Strategies employed to gain the compliance of victims include the addition and withdrawal of inducements (attention, material goods, and privileges), misrepresentation of society's morals and standards and/or te abusive acts themselves, and externalization of reponsibility for the abuse onto the victim. Cildren are admonished that they (the child) will be judged negatively, blamed, and/or punished (Kaufman et al., 1996). In a review of the experimental and observational research examining the impact of threats upon disclosure, Lyon (1996) found that threats decrease the likelihood that children will self-disclose sexual abuse. Threats can take many forms including physical harm to the victim and/or their loved ones (Kaufman et al., 1996; Kelley et al., 1993), or forecasting negative or dire outcomes for the victim, their loved ones, and/or the perpetrator."

Ghalhekk ir-ragunijiet li taw kemm l-ahwa Cassar kif ukoll ommhom ghaliex ma rrapportawx mill-ewwel lill-Pulizija huma ferm attendibbli u verosimili. L-abbuz sesswali ta' minorenni sfortunatament huwa *"a dark secret"* li bosta familji ma jirrivelawx. Meta jiddeciedu li jirrapportaw, dan huwa hafna drabi dovut ghall-fatt li l-persuni koncernati ma jkunux jistghu jifilhu aktar is-sitwazzjoni li jkunu jinsabu fiha. Ghalkemm l-appellant jikkontendi li l-istorja li hargu biha martu u uliedu kellha biss motivazzjoni vendikattiva, fil-fehma ta' din il-Qorti, dak li rrakkontaw partikolarment l-ahwa Cassar ma kienx motivat minn sens ta' vendikazzjoni izda minn xewqa li fl-ahhar issir gustizzja.

F'**Blackstone's Criminal Practice 2001** naqraw ukoll (para. D22.15 pagna 1622):

**"The case of *Cooper* [1969] 1 QB 267 continues to provide guidance on how the word 'unsafe' should be interpreted in determining a criminal appeal. In that case, Lord Widgery CJ explained that if the overall feel of a case left the court with a 'lurking doubt' as to**

**whether an injustice may have been done, then a conviction will be quashed, notwithstanding that the trial was error-free. Lord Widgery said (at p. 271 C-G):**

**'[This is] a case in which every issue was before the jury and in which the jury was properly instructed, and, accordingly, a case in which this court will be very reluctant indeed to intervene. It has been said over and over again throughout the years that this court must recognise the advantage which a jury has in seeing and hearing the witnesses, and if all the material was before the jury and the summing-up was impeccable, this court should not lightly interfere. Indeed, until the passing of the Criminal Appeal Act 1966 [which somewhat widened the court's powers to quash a conviction] it was almost unheard of for this court to interfere in such a case.**

**However, now our powers are somewhat different, and we are indeed charged to allow an appeal against conviction if we think that the verdict of the jury should be set aside on the ground that under all the circumstances of the case it is unsafe or unsatisfactory. That means that in cases of this kind the court must in the end ask itself a subjective question, whether we are content to let the matter stand as it is, or whether there is not some lurking doubt in our minds which makes us wonder whether an injustice has been done. This is a reaction which may not be based strictly on the evidence as such; it is a reaction which can be produced by the general feel of the case as the court experiences it.'"**

Fil-kaz in ezami din il-Qorti ma ghandha l-ebda *"lurking doubt"* u ghaldaqstant l-appell qieghed jigi michud.

Din il-Qorti fl-ahharnett tirreferi ghar-rikors ta' l-appellant ta' l-20 ta' Novembru 2003 fejn irrefera ghal rikors precedenti tieghu tas-6 ta' Settembru 2002 u li permezz tieghu kien talab biex f'dan l-istadju ta' l-appell jigu ngunti l-psikjatra Dr. Joseph Spiteri, it-tabib Dr. Portelli u d-Direttur tal-Habs sabiex jixhdu dwar il-karattru u l-imgieba

tieghu. In vista tal-konkluzjoni raggunta minn din il-Qorti fis-sens li l-uniku aggravju kontenut fir-rikors ta' appell huwa michud, ma jidhrilhiex li hemm lok li jigu ngunti x-xhieda msemmija. Fl-istess hin m'ghandha l-ebda diffikulta` taccetta bhala fatt li t-tobba msemmija kienu ta' assistenza kbira ghalih u ghalhekk sejra taghti l-provvediment infraskritt.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tichad l-appell u tikkonferma fl-intier taghha s-sentenza appellata. Tirrakkommanda lid-Direttur tal-Facilita` Korrettiva ta' Kordin biex jassigura li l-appellant jibqa' jinghata l-kura u l-attenzjoni kollha psikjatrika u medika skond il-htiega. Tordna komunika ta' din is-sentenza lid-Direttur tal-Facilita` Korrettiva ta' Kordin.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------